**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 93/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Bond)**

**Vs**

**NAZZARENO BARBARA**

**Illum, 6 ta' Lulju, 2001**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Nazzareno Barbara talli fl-ahhar xhur meta hekk ordnat b'digriet tas-Sekond'Awla datat 12 ta'Awwissu, 1999, naqas li jaghti l-manteniment ghall-minuri Kimberly Barbara ta'Lm60 fix-xahar bil-quddiem ghax-xhur ta'Dicembru, 1999 u Jannar, 2000, li fih skond dak l-ordni kellu jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 10 t'April, 2000, li biha sabet lill-Nazzareno Barbara hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghall-hmistax (15) il-gurnata detenzjoni.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta'Nazzareno Barbara datat 18 t'April, 2000 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Hadet in kunsiderazzjoni in-Nota ta' l-appellant tat-2 ta'Lulju, 2001, izda tiddikjara w tirrileva li din m'ghandha x'taqsam xejn mall-meritu ta' dan l-appell maghmul in bazi ta' l-aggravju tieghu.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant, kif jirrizulta mir-rikors ta' l-appell tieghu, hu effettivament wiehed, u cioe', li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-ordni ghal hlas tal-manteniment kien ghadu in vigore peress li, skond hu, il-prosekuzzjoni ma

ppruvatx li martu kienet segwiet id-digriet tas-Sekond Awla bil-proceduri opportuni kontemplati mill-ligi.

Waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, l-avukat difensur ta' l-appellant kompla jelabora fuq dan l-aggravju, u sostna li gja' la darba ma giex ippruvat li mart l-appellant intavolat ic-citazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili entro iz-zmien preskritt mil-ligi, allura ma kienx hemm il-prova li fid-data li fiha harget l-akkuza odjerna, u fit-tlett xhur precedenti dik id-data, l-ordni kien ghadu fis-sehh.

Issa, l-Artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali jghid li hu hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min "*meta hekk ordnat minn xi Qorti jonqos li jaghti lil martu jew tonqos li taghti lill-zewgha, is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha jew ghalih u, jew, ghall-ulied, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond dak l-ordni, ikollha thallas dik is-somma*". Hu car li l-uniku terminu stabbilit f'din id-disposizzjoni tal-ligi hu dak ta' <u>hmistax</u> (15) il-gurnata li fih ghandu jsir il-pagament, u, fin-nuqqas ta' dak il-pagament f'dak it-terminu, wiehed jinkorri fi ksur tal-ligi penali.

Jigi rilevat li dan ir-reat addebitat lill-appellant, marbut kif inhu ma'skadenza partikolari, huwa wiehed istantanju u mhux permanenti. Jista' ukoll, skond ic-cirkostanzi, ikun wiehed kontinwu wkoll, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9.

L-ordni tal-Qorti, kif imsemmi f'dan l-Artikolu, jista' jkun jew f'digriet jew f'sentenza. F'kaz ta'digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-pendenza tal-proceduri quddiemha, dan id-digriet jibqa' validu sakemm ma jigix espressament revokat jew altrimenti modifikat, jew sakemm il-kawza tintemm definitivament.

Is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, fid-digriet taghha li bih tawtorizza lil xi parti biex tipprocedi ghall-firda personali quddiem il-Prim Awla, bhal ma huwa fil-kaz in dizamina, jew f'rikors sussegwenti, pero' qabel ma jinbdew il-proceduri fil-kontenzjuz, tista' wkoll taghmel ordni bhal dak in kwistjoni, u dana l-ordni jkun validu kemm ghall-matul il-proceduri quddiem is-Sekond Awla kif ukoll ghall-matul il-proceduri quddiem il-Prim Awla (Artikolu 470 {1} tal-Kap. 12), dejjem, naturalment, sakemm dan l-ordni ma jigix revokat jew altrimenti mibdul minn wahda minn dawn il-Qrati skond ma jkun il-kaz.

L-Artikolu 533 tal-Kap. 12 li jipprefiggi terminu ta' sitt xhur ghall-validita' ta'digriet ta'awtorizzazzjoni jew permess tas-Sekond Awla, japplika <u>**biss**</u> ghal kazijiet ta'awtorizzazzjoni jew permess ghal xi konvenzjoni jew rinunzja, u mhux ukoll ghal digrieti sabiex wiehed jipprocedi fil-kontenzjuz ghas-separazzjoni personali. F'digriet bhal dan jista' jkun hemm, kif gja' nghad, ordni ghall-hlas ta' manteniment kif ukoll ordni ghall-kura w kustodja tat-tfal u ghall-access ghalihom ghal dik il-parti li ma tkunx giet fdata bil-kura w kustodja. Ghalhekk, isegwi li l-fatt li jkunu ghaddew is-sitt xhur u ma jkunux inbdew il-proceduri fil-kontenzjuz, ma jfissirx li dak id-digriet u dawk l-ordnijiet awtomatikament jiskadu. Dawk l-ordnijiet jibqu validi sakemm ma jigux espressament revokati jew altrimenti mibdula jew mill-istess Sekond Awla jew mill-Prim Awla.

It-terminu ta'sitt xhur imsemmi mill-avukat difensur ta' l-appellant fil-kaz prezenti m'ghandux x'jaqsam mal-validita' tad-digriet jew ta' l-ordni ghall-hlas tal-manteniment. Dan it-terminu, li johrog mill-Artikolu 480 (4) tal-Kap. 12, jirreferi ghall-esegwibilita' ta' dak id-digriet bil-mezz ta' xi att esekuttiv imsemmi fl-Artikolu 273 tal-Kap. 12. Il-fatt li dak id-digriet ma jibqax hekk esegwibbli bil-mezz ta' xi wiehed minn dawn l-atti ma jfissirx li dak id-digriet u l-ordni ghall-hlas tal-manteniment fih kontenut ikun skada ghall-finijiet ta' l-Artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk fil-kaz prezenti, l-aggravju ta' l-appellant, fis-sens li ma jirrizultax ippruvat skond il-ligi li martu segwiet id-digriet tas-Sekond Awla bic-citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, hu mpostat hazin peress li l-fatt li c-citazzjoni ma tkunx giet intavolata entro xi zmien imsemmi ma jfissirx li dak l-ordni ghall-manteniment ikun b'hekk skada.

Issa ma hemm l-ebda dubju li l-ordni tas-Sekond Awla fil-kaz prezenti kien jezisti. Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar dan. Kif irrizulta wkoll li l-appellant naqas li jhallas lill-martu dak il-manteniment kif imsemmi f'dak l-ordni, u dan certament ghax-xhur ta'Dicembru, 1999 u Jannar, 2000.

Ghar-ragunijiet premessi, ghalhekk, l-aggravju ta' l-appellant ma jistghax jigi milqugh. Lanqas ma tara li hemm xi ragunijiet legalment validi l-ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena adegwata fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Ghalhekk din il-Qorti qed tichad l-appell ta'Nazzareno Barbara w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur